QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D

Il-PULIZIJA

(Supretendent Edel Mary Camilleri)

(Spettur Robert Vella)

Vs

Rosita Scerri

**Kump Nru: 24/2016**

**Illum 24 ta' Gunju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Rosita Scerru ta' 38 sena, bint il-mejjet Joseph u Jane nee' Borg imwielda Pieta' fit-3 ta' Frar 1977, resident 86, 'Maggie', Triq San Tumas, Marsa, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 137677 (M)

Akkuzata talli fl-2014 u x-xhur ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Approprjajt ruhek billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuni ohra, flus kontanti mill-akkonti tal-bank HSBC li jgibu n-numru 023-119100-001, 023-119100-050, u 087-009551-050, fost akkonti ohrajn, kif ukoll

oggetti mobbli u cioe' hagar prezzjuz u deheb, liema flus u oggetti imsemmija gew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu ir-radd tal-haga li jsir uzu minnha specifikat.

Kif ukoll taht l-istess cirkostanzi, ikkommettejt serq ta' oggetti mobbli u cioe' hagar prezzjuz u deheb, kif ukoll flus li jammontaw ghal aktar minn hdax-il elf euro (€11,000), liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma tal-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), kif ukoll bil-persuna, u cioe' sar ghad-detriment ta' Ivan Scerri mill-Marsa u/jew persuni ohra;

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmek hsara kontra l-ligi izda biss tezercita dritt li tippretendi li ghandha, gieghlet bl-awtorita' taghha innifisha lil xi had ihallas dejn jew jesehwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklet lil Ivan Scerri fil-pussess ta' hwejjgu b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indahlet fi hwejjeg haddiehor.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputata sabiex tigi ggudikata minn din il-Qorti skont l-artikoli indikati fl-istess nota.

Rat li l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata giet addebitata b'approprjazzjoni indebita, b'serq ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna, u bir-reat ta' ragion fattasi.

L-ufficjal prosekutur, is-Supretendent Edel Mary Cmailleri, xehdet[1] li fl-20 ta' Lulju 2015 giet infurmata minn PS11 li certu Ivan Scerri, parte civile odjern, mar jirrapporta l-Ghassa tal-Hamrun li fis-sitt xhur ta' qabel kienu bdew l-argumenti ma' martu tant li fit-18 ta' Lulju 2015, martu Rosita Scerri flimkien ma' wliedhom hargu mid-dar matrimonjali. Sussegwentement, fit-23 ta' Lulju 2015 Ivan Scerri rega' mar jirrapporta li wara verifika li ghamel mal-Bank induna li martu ghamlet diversi Ivan Scerri xehed li l-Novembru 2014 sat—22 ta' Jannar 2015, b'total ta' €11,000. Huwa nsista li ma kienx jaf b'dawn il-withdrawals. Sostna wkoll li mid-dar kienu naqsu diversi oggetti fosthom hagar prezzjuz li kienu jiswew madwar €85,000. Il-kwerelant sostna li l-oggetti kienu parafernali. PS 11 Daniel Zammit ikkorobora tali xhieda[2]. L-imputata meta mitkellma ma riditx tirrilaxxja stqarrija. Pero' l-imputat ghaddietilha xi dokumenti u kienet infurmata li l-kwistjoni tal-flus u tal-oggetti kienet qed tigi trattata mill-Qorti tal-Familja billi kienu ghaddejjin minn procedure ta' separazzjoni.

Mid-dokumenti bankarji ezebiti minn Audrey Ghigo, in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc, jirrizulta li saru withdrawals biss pero' ma tal-ewwrrizultax minn min kienu qeghdin isiru u l-imputata u l-parte civile kienu ghadhom ighixu taht l-istess saqaf.

Ivan Scerri xehed li martu u huwa kellhom dizgwid familjari tant li hija telqet mid-dar. Kif telqet mar jiccekkja l-Bank u sab li l-€11,000 li kienu ssellfu biex jixtru ghalqa gibdithom. Hija hadet ukoll diversi affarijiet u deheb mid-dar. Id-deheb kien f'kaxxa konsistenti f'crieket u gizirana. B'hekk huwa ghamel kwerela. Huwa kien gie infurmat mill-Bank li l-imputata bdiet thallas lura l-ammonti li gibdet.

Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2018, l-avukat difensur tal-kwerelant iddikjara li fuq struzzjonijiet tal-istess kwerelant iddikjara li l-kwerelant ma ghandux aktar interess f'dawn il-proceduri u huwa rrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli. Eventwalment fit-30 ta' Jannar 2019 Ivan Scerri xehed li l-flus thallsu kollha u huwa m'ghandux aktar interess f'dawn il-proceduri. In kontro-ezami qal li meta kienu jghixu taht l-istess

[1] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2010
[2] Seduta tas-16 ta' Novembru 2016

saqaf, l-imputata kienet tiehu hsieb il-finanzi tal-familja u li hija kellha l-pin number tal-card tieghu billi tahulha huwa stess.

**Ikkunsidrat**

Illi inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni, l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li ghal dak li jirrigwarda l-approprjazzjoni indebita minghajr l-aggravanti, *"ebda proceduri kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti"*.

In vista li l-parte leza iddikjara bil-gurament li huwa m' ghadx ghandu aktar interess fil-proceduri billi rrinunzja bil-gurament ghall-kwerela maghmula minnu dan iwassal awtomatikament ghal dikjarazzjoni ta' procediment ezawrit inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni.

Inkwantu ghall-imputazzjoni ta' serq ghalkemm irrizulta li kien hemm withdrawals ma rrizultawx mill-provi prodotti l-elementi tas-serq. Inkwantu ghall-allegazzjoni li l-imputata hadet oggetti u hagar prezzjuz mid-dar matrimonjali lanqas biss gie spjegat dawn l-oggetti x'kienu u ghad-deheb ghalkemm intqal li crieket u gizirana ebda prova ma ngabet b'mod specifiku dwar x'kienu u l-valur taghhom. Il-Qorti lanqas tqis li gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li effettivament ittiehdu xi oggetti mid-dar.

Inkwantu ghall-imputazzjoni ta' ragion fattasi, il-Qorti tqis li l-elementi li huma necessarji ghal sejbien ta' htija huma neqsin.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni, ma ssibx lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront taghha u minnhom tilliberaha.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**